**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 14**

It-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.04 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

## PREŻENTI

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Miriana Calleja Testaferrata de Noto, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Cressida Galea u l-Onor. Bernard Grech kienu skużati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Deborah Schembri kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 13 li saret fl-20 ta' Lulju 2026 kienu kkonfermati.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker informa lill-Kamra illi b'referenza għan-notifika mill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport lill-Kamra fis-Seduta 12 tal-15 ta' Lulju 2026 dwar tibdil fl-ultimate beneficial owner (UBO) tas-soċjetà terza li kienet topera l-attività kummerċjali taħt il-konċessjoni mogħtija lil Sliema Wanderers FC permezz tar-Riżoluzzjoni 367 mgħoddija mill-Kamra fis-Seduta 343 tad-19 ta' Mejju 2025, is-Sedja talbet parir legali u jirriżulta illi f'dan il-każ ma hemmx bżonn ta' proċessi addizzjonali fil-Parlament.

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 235 Rapport bl-isem *Joint Audit – Government Leasing of Private Property – Insights from selected case studies* maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika f'Lulju 2026.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 203 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli, l-Onor. Chris Bonett, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 236 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Malta Business Registry (MBR) għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 237 Stqarrija numru 261026 bl-isem *Kull student żagħżugħ li applika u hu eliġibbli jattendi l-iskola tal-Wardija ser jingħata l-opportunità* maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport fit-18 ta' Ġunju 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1180; u

f'isem il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 238 Avviż Legali Nru 203 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pensjonijiet għal min jaħdem fil-Ħabs.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li kienet saret aktar kmieni dakinhar, l-Onor. Owen Bonnici ssosstitwixxa lill-Onor. Byron Camilleri.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KOSTITUZZJONI TA' MALTA – ABBOZZ NRU 1**

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, ipproponiet it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Julia Farrugia, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Romilda Zarb, l-Onor. Ian Vassallo, l-Onor. Nigel Vella, l-Onor. Annabelle Cilia, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Francesca Zarb, l-Onor. Julian Borg, l-Onor. Mariah Meli u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

Fis-7.00 p.m. il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol twal bi ftit minuti sabiex tkun tista' tiġi konkluża d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u biex tiżdied id-diżabilità bħala karatteristika protetta biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni

skont id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu garantiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta" nqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat ipproponiet li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Bil-permess, il-Kamra għaddiet għal rapport dwar xogħol fil-Kumitati Permanenti.

**KUMITATI PERMANENTI**

Skont ftehim milħuq fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, l-Onor. Ramona Attard irrapportat li l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza – Abbozz Nru 3 – kien għadda mill-Kumitat b'emendi.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.05 p.m. il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026 fis-2.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Mozzjonijiet</u>**

Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2026

Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Patrimonju Malta u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2026

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Jobsplus għas-sena 2026 | Votazzjoni |

| | |
|---|---|
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza | Tielet Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-investiment Dirett Barrani | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji | Tieni Qari |

------------------------

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta | Kumitat Permanenti |

Il-Ministru informat lill-Kamra li, skont ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, is-seduta tal-Erbgħa, 22 ta’ Lulju 2026, kellha tibda fis-2.00 p.m. u tgħaddi mill-ewwel għad-diskussjoni fuq il-mozzjonijiet dwar l-Estimi tal-Awtorità ta’ Malta dwar it-Turiżmu u l-Estimi ta’ Patrimonju Malta u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Id-diskussjoni fuq dawn il-mozzjonijiet tibqa’ sejra sal-4.00 p.m; il-ħin tal-Mistoqsijiet ikun bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u wara l-Kamra tgħaddi għall-votazzjonijiet kollha li jidħru fuq l-aġenda u oħrajn li jistgħu jintalbu sa dak il-ħin.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Toni Bezzina, mill-Onor. Graziella Galea u mill-Onor. Ivan Bartolo.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 22 ta’ Lulju 2026 fis-2.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**